**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U ĦAMSIN** **8 ta' NOVEMBRU, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard (on line), s-Sur Kaydem Schembri (on line), is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Joseph D'Amato.

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **54.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 54.1.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato informa li ma setgħax jiġi minħabba raġuni ta' mard. L-ittri tal-appoloġija annessa **dok 1**. |
| | | |
| **54.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 54.2.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li f'Aġenda oħra jixtieq li jitressaq item fuq il-bust tat-tabiba Sciberras. |
| | | |
| 54.2.4 | | Il-kunsillier Dino Bonnici staqsa kif baqa l-Kunsill fuq il-proġett tal-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet terġa tibgħat l-email li kienet bagħtet wara l-aħħar seduta minħabba li ħadd mill-Kunsilliera ma wieġeb. |
| | | |
| 54.2.5 | | Ġew approvati l-minuti tat-tlieta u ħamsin -il seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***54.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 54.3.1 | | Is-Sindku qalet li ser isir tournament tan-nurseries tal-football, mir-Reġjun Punent u din id-darba se jsir fil-grawnd taż-Żurrieq. |
| | | |
| 54.3.2 | | Is-Sindku qalet li hi, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' rappreżentanti mill-Kungress tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dawn staqsew diversi mistoqsijiet ta' kif sejjer il-Kunsill Lokali u x'rapporti għandu mal-Gvern. |
| | | |
| 54.3.3 | | Is-Sindku qalet li tqajmet diskussjoni fuq fb fuq l-impjant tat-tamak fl-Imqabba. Is-Sindku tkellmet mar-Reġjun Punent u ġiet infurmata li l-aktar riħ li jkun Malta, hu l-majjistral u dan ma jaffettwx liż-Żurrieq, diment li qedgħa f'Ħal Far, imma jekk issir fl-Imqabba, probabilment li ir-residenti żrieraq ikunu affetwati mir-riħa li tiġġenea.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali joġġezzja li dan l-impjant jimxi għall-Imqabba.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li tkellem ma espert u infurmaħ li r-riħ jaffetwa jekk din tersaq fl-Imqabba. Staqsa jekk il-Kunsill Imqabba, talabx l-għajuna tal-Kunsill taż-Żurrieq. It-tweġiba kienet fin-negattiv.<br><br>Kien hemm qbil is-Sindku titkellem mas-Sindki tal-viċinanzi, biex jekk iridu jingħaqdu flimkien u issir oġġezzjoni waħda flimkien. Jekk le, l-Kunsill iqabbad lill-perit tal-kunsill u jgħamel oġġezzjoni f'isem il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq. Waqt din is-seduta l-Kunsillier Tiffany Ann Attard, infurmat li s-sottomissjonijiet għall-oġġezzjonijiet għalqu. Is-Sindku xorta waħda ser titkellem mas-Sindki tal-viċinanzi. Jekk ma issirx oġġezzjoni konġunta, il-perit ser jingħata sa nhar it-Tnejn ċans biex joġġezzjona.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba ma oġġezzjonax għax l-applikazzjoni ma kienetx dehret fil-gazzetta tal-Gvern u meta kien konxju tal-applikazzjoni, ż-żmien tal-oġġezzjonijiet kienu laqħqu għalqu. |
| | | |
| | | |
| ***54.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 54.4.1 | | Il-Viċi Sindku qal:<br>• biex it-telephone box ta' fejn l-Għassa issir librerija. Dan il-punt kien diġa tkellem fuqu l-Kunsillier Kaydem Schembri u ser terġa tintbagħat reminder.<br>• Biex jinxtara ktieb Malta Aerial Photography bil-prezz ta' 20Euro kull ktieb. Kien hemm qbil li jinxtraw 12 -il ktieb.<br>• L-attivita tal-Mitħna tax-Xarolla kienet suċċess u s-sidien taż-żwiemel li ħadu sehem f'din l-attivita, xtaqu li jagħmlu attivita biż-żwiemel fuq il-Ġibjun u issir attivita b'risq Puttinu Care. Din għandha ssir fi żmien l-Għid il-Kbir u l-qliegħ imur kollu għal Puttinu Care. Kien hemm qbil li din l-attivita issir fis-7 ta' April. Kien hemm qbil li l-attivita issir b'risq għal RMJ, minflok għal Puttinu Care, minħabba li hi attivita taż-żwiemel. Ser ikun hemm bżonn PA System, barriers u siġġijiet. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 54.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet:<br>• persuni li qed jieħdu ħsieb in-neutering tal-qtates hawn ftit f'Malta u dawn għandhom bżonn ħafna għajnuna kemm fiżika u kemm finanzjarja. Hi qalet li jeħtieġ li fejn hemm art li ser tiġi żviluppata u jkun fiha l-qtates, u l-Kunsill Lokali għandu jkellem lill-iżviluppatur biex jgħin finanzjarjament biex isibu home għall-qtates li jkunu fl-art tal-iżvilupp u li ser jispiċċaw mitluqa barra fit-triq. Dawn il-kolonji jkunu jafu bihom il-feeders stess u huma stess jinfurmaw lill-Kunsill bl-art li tkun ser tiġi żviluppata. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-permess tas-saqaf tal-Cat Cafe fi Triq il-Belt Valletta, għad m'hemmx garanzija li ser ikun approvat jekk il-Kunsill Lokali jerġa japplika għalih. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa japplika mal-PA u jekk l-applikazzjoni tiġi rifjutata il-Kunsill joħroġ press release biex juri lill-pubbliku x'qed jiġri. Dan kollu għandu jiġi ikkomunikat ukoll mal-Ministeri ikkonċernati. Jekk l-permess ma jinħariġx dan jiġi żarmat. |
| | | |
| 54.4.3 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• L-attivita ta' San Martin hemm mal-mitt tifel/tifla.<br>• Madwar is-salib ta' Triq il-Kbira, kien hemm xi ħadid imdawwar. Kien hemm qbil li jekk hemm xi ritratti, il-Kunsill jikkunsidra li jerġa jagħmel dak li kien hemm qabel.<br>• L-attivita tal-Milied tat-3 ta' Diċembru, mixjien il-preparamenti tagħha.<br>• L-attivita tal-party tal-Milied qed jaħdem fuqha.<br>• L-art ta' fejn tal-Ħniena qed terġa tiġi abbużata b'inġenji kbar. Kien hemm qbil li jerġa jsir rapport lill-Pulizija u LESA u jsiru bankijiet. |
| | | |
| 54.4.4 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li :<br>• l-attivita tal-Mitħna kienet sabiħa. Qal li t-tubi tal-Mitħna jistunaw mal-Mitħna. Is-Sindku qalet li tkellmet mal-Ministru tal-PW u ser jieħu ħsieb li jbiddilhom.<br>• Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li għandu set tat-tabib antik, li lest li jgħati lill-Mitħna tax-Xarolla b'donazzjoni. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Viċin il-ħanut Step In ta' Triq Bronja, qed titħalla tabella tal-istess ħanut u qed tkun ostaklu għall-vetturi biex jipparkjaw jew jużaw Triq San Mikiel.<br>• Rigward Ġnien l-Emigranti Żrieraq, qed ikun mimli bil-ħmieġ tal-għasafar. Is-Sindku qalet li l-akwata qed titnaddaf ta' spiss, imma kollox ta' xejn. Kien hemm qbil li jitneħħa l-playing equipment li hemm.<br>• Hemm bżonn li Triq il-Karmnu tibda tinħasel imqar darba kull 3 ġimgħat, minħabba l-ħmieġ li qed iħallu l-qtates. Kien hemm qbil li jiġu avżati l-Cleansing Department.<br>• Biex fi Vjal il-Blue Grotto fejn il-Village Core isiru poles kif saru viċin Triq l-Imqabba. Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Hawn vetturi bil-Y plate f'diversi żoni taż-Żurrieq. Jeħtieġ li l-pulizija jieħdu passi.<br>• Il-Bankijiet fejn il-Mitħna tax-Xarolla għandhom l-arma l-antika taż-Żurrieq.<br>• Biex jitneħħew il-vetturi kbar li hemm fi Triq Ħal Kirkop fejn il-grawnd tal-football. Kien hemm qbil li jiġu mitkellma l-pulizija u l-LESA.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud ħareġ mis-sedta (19:45) |
| | | |
| 54.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• li kull meta jsir rapport tal-health and saftey tal-playing fields jitla fis-seduta tal-Kunsill biex jara x'hemm bżonn li jsir.<br>• Tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Dr Joseph Darmanin għall-kontribut li ta lis-Soċjeta fiż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Talab biex jerġgħu jintbagħtu kopja tal-emails fuq l-art ta' fejn Garden of Eden.<br>• Nerġgħu nibgħatu reminder lill-Avukat fuq l-art tal-Munqar. |
| | | |
| ***54.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 54.5.1 | | Ma kienx hemm rapporti x'jitressqu. |
| | | |
| ***54.6*** | | ***Konsulenza għall-Kunsill fir-rigward tal-permessi Planning Authority*** |
| | | |
| 54.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser isir interview għaż-żewġ applikanti nhar il-Erbgħa 15 ta' Novembru.<br>Intbagħtu l-punti li ser ikunu qed jiġu ibbażati fuqhom ir-riżultati fl-interview. |
| | | |
| ***54.7*** | | ***Ħruġ ta' sejħa għall-offerti : Road Maintenance Services – Patching works u Supply of various Street Furniture and ancillaries produced with environmentally friendly material and processes( Supply and install).*** |
| | | |
| 54.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed taħdem fuq ħruġ ta' tender tal-patching. Ġie ikkonfermat li l-aġġudikaturi jkunu il-Kunsilliera Tiffany Ann Abdilla u Kaydem Schembri, u Kyle Mifsud.<br><br>Fir-rigward it-tender tal- ***Supply of various Street Furniture and ancillaries produced with environmentally friendly material and processes( Supply and install).*** kien hemm qbil li jkunu l-Kunsilliera Tiffany Ann Abdilla u Kaydem Schembri, u Kyle Mifsud |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **54.9** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***54.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 54.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Talba għal bankina dejqa u bollards quddiem residenza fi Triq San Bartilmew, minħabba li vetturi kbar li jgħaddu mit-triq diġa it-tieni darba li kissrulu l-gallarija tiegħu. Kopji ta' ritratti tal-każ mehmuża. **Dok 2.** Kien hemm qbil li jinġibu l-permessi minn TM biex issir il-bankina.<br>• Biex isiru rumble strips fi Triq il-Wied kantuniera ma Triq il-Madonna tal-Ħniena, għaliex dawk li joħorġu mis-side road ta' Triq il-Wied qed ikunu fil-periklu mill-vetturi li jgħaddu mit-triq prinċipali. Il-Kunsill ġie infurmat minn IM li nonslip material, m'għadux jintuża u minflok qed isiru rumble strips. Kien hemm qbil li fejn qabel il-Kunsill kien qal li ser isir in-non slip material, isiru rumble strips u li jiġu mistoqsija ż-żewġ resident tal-akwata tas-side roads (Triq il-Madonna tal-Ħniena u Triq l-Għerejjen) u jekk jaqblu mar-rumble strips dawn isiru.<br>• Biex issir sleeping policeman jew rumble strips fit-Triq Ħal Kirkop(fejn il-grawnd tal-futbol), minħabba li qed ikun hemm periklu għat-tfal li jidħlu fil-grawnd. Ser tinġieb il-firma ta' sid l-għalqa biex tiġi approvata.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq il-Madonna tal-Ħniena, firem tan-nies li aċċettawha quddiemhom iffirmaw.<br>• Għaqda Volontarja Legio X Fetensis-Malta,(għaqda li tirrikreja l-ħajja Rumana tal-ewwel seklu Wara Kristu) tixtieq l-għajnuna tal-Kunsill biex jipprovdi post fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu u jżommu xi affarijiet. Kien hemm qbil li ninfurmaw li l-Kunsill m'għandux fejn. |
| | | |
| 54.9.2 | | Intbagħat draft tal-MOU lill-Kunsilliera kollha, li l-Kunsill Lokali ser jiffirma mal-PW fir-rigward tal-manutenzjoni tal-Mitħna tax-Xarolla. Għandu jitniżżel li l-Mitħna tax-Xarolla hi devoluta lill-Kunsill.<br>Fuq punt 6.2 kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob kjarifika. Ir-risposta ser tkun komunikata mall-Kunsill b'email. |
| | | |
| ***54.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 54.10.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 26. |
| | | |
| ***54.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 54.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok3 għall-ammont totali ta' €51,856.20<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u mill-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u mill-Kunsilliera Dino Bonnici |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***54.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 54.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _6 ta' DIĊEMBRU, 2023.

IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**